Minuti tal-41 laqgha tas-sitt Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Gimgha 10 ta' Awissu, 2012. Il-laqgha nbdiet hin 4.30pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
|---|---|
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Lisa Marie Brooke |
| | Emanuel Muscat |
| | CarmenVella |

| **Ufficjali:** | |
|---|---|
| Segretarju Ezekuttiv | Joanne Attard |

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tal-40 laqgha.**

1.1 Il-Minuti gew approvati unanimament u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv bhala dokument korrett.

**2. Jum l-Gharb 2012.**

2.1 Gew trattati in-nominazzjonijiet tal-Ghaqdiet Lokali ghad-diversi premjijiet li jinghataw f'Jum l-Gharb kif ukoll saru xi proposti mill-Kunsill.

**2.2 Premju l-Gharb 2012.**

2.3 Gew nominati Kunsilja Azzopardi, Lawrence Sciberras u Suor Rachele Agius. Raymond Cassar u Carmen Vella iddikjaraw li ghandhom interess u ma hadux sehem fil-votazzjoni. Il-Kunsill qabel li Premju Gharb 2012 ghandu jinghata lil Suor Rachele Agius.

**2.4 Premju Qlub Generuzi 2012.**

2.5 Gew nominati Rose Formosa, Lorna Cassar u l-Familja Vella. Il-Kunsill qabel unanimament li Premju Qlub Generuzi 2012 ghandu jinghata lil Lorna Cassar.

**2.6 Premju Volontarjat Lokali 2012.**

2.7 Gew nominati Joseph Farrugia, George Micallef, Christian Attard – Mario Portelli – Joseph Cauchi Formosa – Joseph Cauchi Bajada, Bernardette Vella, Louis Apap. Il-Kunsill qabel li Premju Volontarja Lokali 2012 ghandu jinghata lil grupp ta' zaghzagh Christian Attard – Mario Portelli - Joseph Cauchi Formosa – Joseph Cauchi Bajada.

JAttard

**2.8 Gharb Gozitan Cultural Award 2012.**

2.9 Gew nominati Alvin Scicluna ta' CVC Media Communications, Dun Joe Bezzina u l-Arcipriet Mons. Joseph Sultana f'isem il-Parrocca ghall-progett tal-Muzew Ecclesia Mater. Il-Kunsill qabel unanimament li l-Gharb Gozitan Cultural Award 2012 ghandu jinghata lill-Arcipriet Mons. Joseph Sultana bhala rapprezentant tal-Parrocca ghall-progett tal-Muzew Ecclesia Mater.

2.10 Premju Letterarju – Il-Kunsill qabel li ghandu jinghata Premju Letterarju lil dawk l-istudenti mill-Gharb li gabu l-ahjar marki fil-livell intermedjarju u fil-livell avvanzat.

2.11 Il-Kunsill qabel li l-attivita' ta' Jum l-Gharb ghandha tibda' b'quddiesa ta' ringrazzjament gewwa l-Knisja Parrokkjali segwita bil-prezentazzjoni ta' fjuri quddiem il-monument ta' l-Isqof Mikiel Molina u serata kulturali fil-Pjazza. L-istudenti tfal tal-kors tat-tisjir ser ikunu qed ihejju il-cake ta' l-okkazjoni.

**3.0 Child Care Centre.**

3.1 Gie spjegat illi nzammet l-open day ghar-registrazzjoni tat-tfal gewwa c-child care centre u c-centru huwa mistenni li jibda' jopera fl-20 ta' Awissu. Il-Kunsill iddiskuta xi xogholijiet u oggetti li jinhtieg li jinxtraw ghac-centru. Dwar ix-xoghol tal-plumbing fit-toilets addizzjonali li ser isiru gewwa c-child care centre il-Kunsill qabel unanimament li dan ghandu jsir minn Melino Sultana. Gew trattati kwotazzjonijiet ohra fosthom ghal first aid box u letter box. Il-Kunsill qabel li ghandhom jinxtraw minghand Rapa Showrooms. Ghal cushions minghand Carefree Furniture ghall-prezz ta' €320.00, minghand Tarcisio Xerri xoghol ta' kostruzzjoni relatat mal-kostruzzjoni taz-zewg toilets addizzjonali ghall-prezz ta' €700.00. Minghand Francis Caruana Co. Ltd. ghal sanitaryware mehtieg dawn it-toilets ghal €407.50. Xiri ta' mwejjed u siggijiet ghall-prezz ta' circa €95.00. Il-Kunsill approva unanimament dawn il-kwotazzjonijiet.

3.2 Gie trattat il-kuntratt draft li ghandu jigi iffirmat mal-persuna li ser tkun tmexxi u responsabbli mit-tmexxija tac-centru Victoria Sultana, liema kuntratt gie mhejji minn Nutar Josette Spiteri Cauchi. Il-Kuntratt tpogga fuq il-mejda sabiex jarawh il-membri. Gie spjegat illi Ms Sultana talbet li l-kuntratt ikun ghal perjodu ta' 5 snin minflok ta' 3 snin. Il-Kunsill accetta din it-talba izda wara 3 snin ghandu jkun hemm revizjoni tat-termini tal-kuntratt. Il-Kunsill qabel li ghandu jghaddi kopja tal-kuntratt lid-Dipartiment tal-Artijiet ghall-approvazzjoni taghhom peress illi l-art hija devoluta lill-Kunsill.

3.3 Il-Kunsill qabel illi l-handyman Emanuel Saliba ghandu jigi inkarigat jibni cint bejn l-entratura tac-child care centre u l-garaxx tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandha tigi stallata tabella bl-isem tac-Centru.

**4.0 Aggornament dwar xogholijiet u progetti.**

4.1 Il-Kunsill iddiskuta l-andament tal-progett l-Gharb's Cultural and touristic Conservation Project taht Mizura 323. Dwar il-Knisja taz-Zejt gie spjegat illi wiehed ghadu jistenna l-approvazzjoni tal-MEPA biex iz-zuntier isirlu wicc gdid bil-porfido. Dwar ix-xatba gdida ghal barra gie spjegat illi l-Perit ghadda d-dizinn lill-kuntrattur u din qed issir bhala parti mill-kuntratt.

4.2 Minhabba l-MEPA it-target li x-xoghol ikun finalizzat sa l-ahhar ta' Awissu irid jigi estiz. Gie spjegat illi l-ahhar ta' Awissu ma kinitx data imposta mill-progett izda kienet stabbilita' mill-amministrazzjoni tal-Kunsill biex kemm jista' jkun il-progett ikun finalizzat.

4.3 Emanuel Muscat staqsa dwar id-data tal-eghluq tal-progett fejn gie spjegat illi l-progett jaghlaq f'Marzu 2013.

4.4 Dwar ix-xogholijiet fil-kappella ta' San Dimitri gie spjegat illi x-xogholijiet fil-kappella jinsabu fi stadju avvanzat izda jonqos ukoll li jigi approvat il-permess tal-MEPA biex isir ix-xoghol ta' pavimentar taz-zuntier. Ghalhekk dan il-kuntratt ukoll ghandu jigi estiz.

4.5 Fir-rigward tas-shelter gie spjegat illi l-Kunsill qed jistenna d-dokument tal-offerta minghand il-Perit u wiehed jittama' li dan jinghata mill-iktar fis.

4.6 Fir-rigward tax-xogholijiet ta' pavimentar tal-Pjazza gie spjegat illi l-kont qed jigi ppreparat.

4.7 Il-Kunsill iddiskuta wkoll ix-xoghol li ghaddej fuq l-arkata fi Triq Sdieri.

4.8 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-pjazez Pjazza Gerano u Pjazza hdejn ic-Centru Parrokkjali fejn gie spjegat illi l-WSC ser ikunu qed jonoraw il-ftehim milhuq u ghalhekk ser ikunu qed jaghmlu iz-zewg pjazez sal-bazi bil-konkos u Pjazza hdejn ic-centru bil-pavimentar ukoll. Giet trattata korrispondenza li intbghatet lil Water Services Corporation permezz ta' Dr. Damian Bigeni fir-rigward tax-xogholijiet fl-Gharb.

4.9 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-kuntratt tal-PPP. Gie spjegat illi x-xogholijiet fi Triq Trux jinsabu wieqfa peress illi intalbet estensjoni lill-WSC dwar il-farmhouses fil-parti ta' isfel tat-triq.

4.10 Gie spjegat illi kien hemm xi tibdil ta' nies fi hdan il-WSC u ghalhekk il-proceduri ghall hrug ta' LA's qed jiehdu aktar milli mistenni.

4.11 Il-Kunsill iddiskuta dwar *culvert* ta' l-Enemalta wara l-Knisja. Is-Sindku spjega illi biex dan isir trid tohrog offerta peress li dan huwa xoghol addizzjonali ghall-PPP.

4.12 Il-Kunsill iddiskuta ir-resurfacing ta' Triq Virtu'. Gie spjegat illi l-Enemalta u l-WSC ser ikunu qed iwettqu xogholijiet fi Triq il-Madonna tal-Virtu' u ghalhekk hafna minn din it-triq ser tkun qed titwettaq minnhom. Il-Kunsill ser ikun qed jiffinanzja parti zghira fejn it-triq hija wiesgha. Dwar il-water main f'din it-triq gie spjegat illi ser isir main wiehed fil-parti ta' isfel u zewg mejnijiet fil-parti ta' fuq. Xoghol li irid ikun diskuss f'laqgha ohra.

4.13 Il-Kunsill iddiskuta dwar xi hofor fi Triq l-Gharb hdejn il-muzew ta' Karmni Grima u hdejn il-bore hole. Dawn ghandhom jigu rapurtati lill-WSC.

4.14 Il-Kunsill iddiskuta dwar xi lampi tat-toroq mitfija fi Triq Virtu', Triq Birbuba, Triq Trux u Triq San Pietru. Dawn ser jigu rapurtati lill-kuntrattur.

4.15 Emanuel Muscat issuggerixxa illi l-lampi tat-toroq ghandhom jinbidlu ghal dwal LED's. Is-Sindku spjega illi wiehed irid jara xi spiza tinvolvi. Is-Sindku spjega illi l-funzjoni tal-manutenzjoni tad-dwal tat-toroq ser tkun qed tigi mghoddija lill-Kumitat Regjonali u din hija xi haga fuq bazi nazzjonali.

4.16 Il-Kunsill qabel unanimament li hajt fit-triq ta' Wied il-Mielah ghandu jinbena minn Francis Refalo u Michael Galea ghall prezz ta' €850 kull wiehed. Il-gebel ghandu jkun pprovdut mill-Kunsill.

4.17 Gie spjegat li qed tigi mhejjija applikazzjoni ghal progett ta' landscaping bil-ghajnuna tal-Meusac liema applikazzjoni ser tigi sottomessa ghall-finanzjament taht Mizura 413.4. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.18 Saret diskussjoni dwar l-inawgurazzjoni tal-gnien fi Triq Tumas Cassar. Is-Sindku spjega illi jinhtieg li jinghata wicc lir-rampa possibilment jinghata wicc bit-tarmak u jinstab zmien adattat biex dan jigi inawgurat. Il-Kunsill iddiskuta l-possibilita' li hekk kif Triq Tumas Cassar tkun qed tinghata t-tarmak mill-Gvern Centrali ghandu jitlob li r-rampa ghandha tinghata t-tarmak ukoll.

4.19 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-installazzjoni ta' bus shelters fl-Gharb. Gie spjegat illi ser ikun qed jigi stallat bus shelter fi Triq l-Gharb. Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-possibilita' ta' l-installazzjoni ta' bus-shelter fil-Pjazza Zjara tal-Madonna fejn gie diskuss li hemm problema li jigi lokalizzat sit adattat.

4.20 Il-Kunsill iddiskuta t-talba tieghu illi r-rotta tal-Arriva tinbidel u l-fatt illi l-bus shelters kollha jinsabu kontra r-rotta.

4.21 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-fergha tal-Maltapost fl-Gharb fejn bhalissa qed isir xoghol ta' refurbishment. Gie spjegat illi l-Posta ser tibda toffri servizz ta' bank. Il-Kunsill qabel li ghandha tinghata informazzjoni dwar is-servizzi tal-posta fin-newsletter Il-Pjazza.

4.22 Il-Kunsill iddiskuta dwar possibilita' ta' finanzjament Ewropew li ser tkun possibbli fi ftit zmien dwar centri civici. Il-Kunsill qabel unanimament li japplika ghall-finanzjament bil-ghajnuna tal-Meusac.

**5. Sejha ghal espressjoni ta' interess landscaping fl-Gharb.**

5.1 Gie spjegat illi 3 proposti gew sottomessi taht din is-sejha ta' espressjoni ta' interess.

5.2 **Offerta – Obimed, Work Package 5.**

5.3 Il-Kunsill iddiskuta il-progett Obimed u propjament l-offerta Obimed – Work Package 5. Dawn l-offerti ghalqu fit-3 ta' Awissu u peress li l-membri tal-Kunsill ma attendewx fil-hin tal-eghluq, l-offerti infethu waqt il-laqgha. Giet sottomessa offerta wahda minghand Niche Resources Ltd. fejn giet mimlija is-Schedule of Tenders Recieved. Il-Kunsill qabel li ghandu jinhatar bord ta' evalwazzjoni kompost minn Josette Spiteri Cauchi, Johann Grech u Paul Scicluna biex jevalwa l-offerta.

**6.0 Skeda ta' pagamenti.**

6.1 Il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti annessa liema skeda giet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

7.0 **Korrispondenza u materji ohra.**

7.1 Giet trattata kwotazzjoni ghal filing cabinets minghand George Farrugia & Sons ghall prezz ta' €275.00 kull cabinet. Il-Kunsill qabel li ghandhom jinxtraw tnejn ghall-Ufficju Amministrattiv.

7.2 Korrispondenza mill-Maltapost dwar talba biex issir parking area riservata ghall-Maltapost hdejn il-fergha tal-Maltapost fi Triq il-

Vizitazzjoni. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oggezzjoni ghal din it-talba u ghalhekk qabel li ghandha ssir ir-rakkomandazzjoni ta' din it-talba lill-Malta Transport Authority.

7.3 Mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fir-rigward ta' ghajnuna ta' fondi ghall-Librerija Lokali li jammonta ghal €466 ghas-sena finanzjarja 2012.

7.4 Mill-MEPA:-
The Environment Report Indicators 2010-2011.
Lista ta' Applikazzjonijiet godda ghal permessi ta' zvilupp: PA5609/07, PA1750/12, PA1254/09, PA01819/12, PA1821/12, PA1842/12 u PA1880/12.

7.5 Minghand Alkoholici Anonimi dwar laqghat li jsiru u servizz li qeghdin joffru.

7.6 Mill-Kumitat ghall-Ismijiet tat-toroq ghal Ghawdex fejn il-Kunsill intalab sabiex jinforma lir-residenti li tnizzlu taht Wesgha Praga biex jirrangaw il-Karta' ta' l-Identita' taghhom ghal Triq l-Isqof Molina.

7.7 Minghand Dr. Jean Paul Grech korrispondenza tas-16 u 28 ta' Gunju fir-rigward ta' xogholijiet konnessi mal-culvert quddiem ir-residenza tas-Sinjuri Debrincat li tinsab fi Pjazza Zjara tal-Madonna. Il-Kunsill innota li x-xoghol li qed jirreferi ghalih f'dawn l-ittri issa sar.

7.8 Minghand Daniela Caruana Lia fir-rigward tas-servizz li toffri ta' proof reading.

7.9 Minghand Green Forever fir-rigward ta' servizzi promozzjonali li huma joffru.

7.10 Minghand ECAD fir-rigward ta' Programme ta' Laqghat li ser isiru fix-xhur li gejjin.

7.11 Mill-Malta Council for Culture and the Arts fir-rigward ta' Kalendarju Kulturali minn Lulju sa Settembru 2012.

7.12 Minghand The Today Public Policy Institute fir-rigward ta' Healthy Mobility in Sliema: A Case Study.

7.13 Mill-Biblijoteka Nazzjonali fir-rigward ta' Invit ghall-partecipazzjoni fil-Malta National Book Fair 2012.

7.14 Minghand Outdoor Décor fir-rigward ta' ktejjeb b'ghadd ta' ghamara li tista' tintuza ghall-playing fields ecc.

7.15 Minghand Emergency Response and Rescue Corps fir-rigward ta' diversi korsijiet li qeghdin joffru. Il-Kunsill qabel li jara jekk dawn joffrux korsijiet ghal-licenzja tal-krejns.

7.16 Minghand Noel Gallo fir-rigward ta' xogholijiet relatati ma' l-orgni tal-knejjes ecc.

Il-laqgha spiccat hin 6.50pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Attard
Segretarju Ezekuttiv